MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 151/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lawrence Attard Bezzina**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Attard Bezzina  talli:

(1) nhar-it 2 ta' Gunju 2010 u matul il-gimghat ta' qabel f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (*computer*) ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih, u cioe` heddidt u nsulentajt lil Adrian Grima ID no. 130668(M), Mario Gerada ID no. 140978(M), Karl Schembri 433378(M) u Lana Turner 645355(M) u/jew persuni ohra (Kap. 399 art. 35A (c));

(2) nhar-it 18 ta’ Marzu 2010 ghall-habta ta’ 10:50 a.m. f’dawn il-Gzejjer permezz ta’ xi *network* jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika (*computer*), bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jhedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih, u cioe` uza l-identita` ta’ Charles Grech ID no. 337064(M) minghajr il-kunsens ta’ l-imsemmi Charles Grech, b’konsegwenza li mmalafama jew b’xorta ohra dejjaq lill-imsemmi Charles Grech (Kap. 339 art. 35A(b)(c));

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2011 fejn l-imsemmi Lawrence Attard Bezzina skuza ruhu mal-kwerelanti u obbliga ruhu li ma jimmolestahx u ddikjara illi hu utilizza l-e-mail ta’ Dr. Charles Grech minghajr il-kunsens tieghu, iddikjarat il-procediment ezawrit;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara li l-procediment mhux ezawrit, u tiddeciedi il-mertu tal-kawza mil-tiddikjara li l-procediment mhux ezawrit, u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid ai termini tal-Kap. 9 u Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta u ssib lill-imsemmi Lawrence Attard Bezzina hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu li l-procedura ma gietx rispettata quddiem l-ewwel Qorti. Skond l-Avukat Generali, l-imputazzjonijiet ma nqrawx lill-appellat (allura imputat) u l-appellat stess qatt ma wiegeb dwar il-htija tieghu o meno. Kieku l-appellat wiegeb li

huwa hati, l-ewwel Qorti, wara li tosserva l-obbligi skond l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, kienet tghaddi ghas-sentenza. L-Avukat Generali jghid li qatt ma kien hemm talba specifika ghar-rinunzja da parti tal-kwerelanti. Jidher bic-car li kien hemm xi forma ta' ammissjoni, u dan mill-fatt li l-appellat skuza ruhu mal-kwerelanti, li obbliga ruhu li ma jimmolestahx u li ddikjara li utilizza l-e-mail ta' Dr. Charles Grech minghajr il-kunsens tieghu.

**6.** Din il-Qorti ezaminat il-verbal tat-2 ta' Marzu 2011 tas-seduta quddiem l-ewwel Qorti. Minnu jirrizulta hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr. Angelo Farrugia.

"Deher l-Ufficjal Prosekutur.

"Dehru l-parte civile assistiti minn Dr. Leslie Cuschieri.

"Dr. Angelo Farrugia ghall-imputat qieghed, minghajr pregudizzju, l-imsemmi Lawrence Attard Bezzina jiskuza ruhu mal-kwerelanti kollha indikati u jobbliga ruhu li ma jimmolestahomx.

"Jiddikjara wkoll illi Lawrence Attard Bezzina utilizza l-e-mail u l-isem ta' Dr. Charles Grech minghajr il-kunsens tieghu.

"Inghatat sentenza."

**7.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit. Pero`, mill-verbal imsemmi ma jirrizultax illi l-kwerelanti rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara l-procediment ezawrit. Kwindi s-sentenza appellata qed tigi revokata u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi.

**8.** Issa, mill-verbal imsemmi jidher illi l-appellant kien qieghed jammetti l-imputazzjonijiet dedotti. Difatti quddiem din il-Qorti d-difensur ta' l-appellant, Dott. Angelo

Farrugia, issuggerixxa li din il-Qorti tittratta ma’ l-appellant billi timponi fuqu obbligazzjoni skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dott. Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali ma oggezzjonax. Ghaldaqstant, u wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza, u kkunsidrat in partikolari d-dikjarazzjonijiet maghmula quddiem l-ewwel Qorti kif rizultanti mill-verbal imsemmi, sejra tittratta ma’ l-appellant fis-sens suggerit.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati, tiddeciedi billi tiddikjara lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 35A(b)(c) – illum l-artikolu 49(b)(c) – tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li jintrabat b’obbligazzjoni tieghu nnifsu fis-somma ta’ hames mitt euro (€500) biex ma jimmolesatx lil Adrian Grima, Mario Gerada, Karl Schembri, Lana Turner u Charles Grech, liema obbligazzjoni tibqa’ fis-sehh ghal perijodu ta’ sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------